# IL-QORTI KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Ismael HABESH u**

**Faical MAHOUACHI**

Att t'akkuża numru 14/2017

Illum 15 ta' Diċembru 2020

Il-Qorti,

1. Rat l-att tal-akkuża migjuba fil-konfront tal-akkużati **Ismael HABESH, ta' 46 sena, iben Omar u Burnija nee' Xduri, imwieled**

**Tripli, l-Libja fl-1 ta' Jannar 1971, detentur tal-Karta ta' l-Identita' (Maltija) numru 0015771(A) u Faical MAHOUACHI, ta' 50 sena, iben Mehdi u Maouia nee' Hagri, imwieled it-Tuneżija fl-1 ta' Frar 1967 detentur tal-Karta ta' l-Identita' (Maltija) numru 00369294(M)** li ġew akkużati talli:

**L-EWWEL (1) KAP - Fil-konfront ta' Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI.**

*Omiċidju Volontarju ta' Simon Grech*

Il-fatti :

ILLI l-akkużat **Ismael HABESH**, minkejja li miżżewweġ, kien beda relazzjoni ma' ċertu Simon Grech, ġuvni ta' għoxrin (20) sena ta' orjentazzjoni omosesswali. Dan Simon Grech kien vittma tal-vizzju tad-droga, u, sabiex imantni dan il-vizzju, kien jipprostitwixxi ruħu ġewwa l-Marsa. Fil-fatt, fiċ-ċrieki tal-prostituzzjoni kien magħruf ukoll bħala *'Sion'*;

ILLI r-relazzjoni bejn l-akkużat **HABESH** u Simon Grech ma kenitx xi waħda feliċi ħafna u dan għaliex ta' sikwit kien ikollhom xi jgħidu, l-aktar dwar droga u flus li Grech kien jaqla' mill-prostituzzjoni. L-akkużat **Ismael HABESH** kien ukoll fiżikament vjolenti fil-konfront ta' Simon Grech;

ILLI wieħed minn dawn l-argumenti qam nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm) Simon Grech kien qiegħed jitlajja għal skopijiet ta' prostituzzjoni ġewwa l-Marsa, meta ħin bla waqt waqfet ħdejh vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6*, misjuqa mill-akkużat **Ismael HABESH** u bl-akkużat **Faical MAHOUACHI** bħala passiġġier. L-akkużat **HABESH** niżel mill-vettura, mar dritt fuq Simon Grech, u wara li t-tnejn li huma argumentaw dwar droga, l-akkużat **Ismael HABESH** hebb għal Grech: qabdu minn xagħaru u tefgħu ma' l-art u beda jagħtih bil-ponn u bis-sieq;

ILLI wara li l-akkużat **Ismael HABESH** ta xebgħa tajba lil Simon Grech, tant li Grech kien mixħut ma' l-art jokrob bl-uġieħ, l-akkużat **Faical MAHOUACHI** niżel mill-vettura biex jassisti lil sieħbu. L-akkużat **HABESH** qabad lil Simon Grech minn saqajh, u l-akkużat **MAHOUACHI** qabdu minn taħt idejħ, u t-tnejn li huma ġarrewh għal ġewwa għalqa li kien

hemm fuq il-post. Hemmhekk, dolożament, bil-ħsieb li joqtluh jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** ħarġu sikkina u bdew jagħtuh biha sakemm fil-fatt qatluh. Effettivament mill-awtopsja li eventwalment saret fuq il-katavru ta' Grech, rriżulta li huwa qala' *minn ta' l-anqas* sbatax (17)-il daqqa ta' sikkina, liema daqqiet ikkaġunawlu l-mewt;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kisru l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fil-każ ta' l-akkużat **Ismael HABESH** *ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** saru ħatja ta' **omiċidju volontarju**, u ċioe' talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu lil Simon Grech jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunawlu l-mewt, kif ukoll illi rrendew ruħhom reċidivi.

**L-akkuża :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI**, reċidivi f'delitt, ħatja ta' **omiċidju volontarju**, u cioe' talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna (Simon Grech) jew li jqegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-piena ta' priġunerija għal għomorhom flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 28B, 31, 49, 50, 211(1), 211(2), 467(2), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IT-TIENI (2) KAP - <u>Fil-konfront ta' Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI</u>.**
***Pussess ta' arma regolari waqt il-kommissjoni ta' delitt kontra l-persuna.***

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u cioe' nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm), Simon Grech kien qiegħed jitlajja għal skopijiet ta' prostituzzjoni ġewwa l-Marsa, meta ħin bla waqt waqfet ħdejh vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6*, misjuqa mill-akkużat **Ismael HABESH** u bl-akkużat **Faical MAHOUACHI** bħala passiġġier. L-akkużat **Ismael HABESH** niżel mill-vettura u ta xebgħa tajba lil Simon Grech, fejn imbagħad l-akkużat **Faical MAHOUACHI** niżel ukoll mill-vettura u t-tnejn li huma ġarrew lil Simon Grech għal ġewwa għalqa li kien hemm fuq il-post. Hemmhekk, dolożament, bil-ħsieb li joqtluh jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** ħarġu sikkina u bdew jagħtuh biha sakemm fil-fatt qatluh. Effettivament mill-awtopsja li eventwalment saret fuq il-katavru ta' Grech, rriżulta li huwa qala' *minn ta' l-anqas* sbatax (17)-il daqqa ta' sikkina, liema daqqiet ikkaġunawlu l-mewt;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kisru l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fil-każ ta' l-akkużat **Ismael HABESH** *ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi** :

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** saru ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, **fil-waqt li kienu qegħdin jagħmlu reat volontarju kontra l-persuna** (l-omiċidju volontarju ta' Simon Grech), **kellhom fuq il-persuna tagħhom arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti (sikkina), u dana mingħajr skop leġittimu**, kif ukoll illi rrendew ruħhom reċidivi.

**L-akkuża** :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI**, reċidivi f'delitt, ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, **fil-waqt li kienu qegħdin jagħmlu reat volontarju kontra l-persuna** (l-omiċidju volontarju ta' Simon Grech), **kellhom fuq il-persuna tagħhom arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti (sikkina), u dana mingħajr skop leġittimu**;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn ħames (5) snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 64 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IT-TIELET (3) KAP - <u>Fil-konfront ta' Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI</u>**
***Ġarr ta' sikkina 'l barra minn xi fond, mingħajr liċenzja jew permess.***

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel żewġ (2) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u cioe' nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm), Simon Grech kien qiegħed jitlajja għal skopijiet ta' prostituzzjoni ġewwa l-Marsa, meta ħin bla waqt waqfet ħdejh vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6*, misjuqa mill-akkużat **Ismael HABESH** u bl-akkużat **Faical MAHOUACHI** bħala passiġġier. L-akkużat **Ismael HABESH** niżel mill-vettura u ta xebgħa tajba lil Simon Grech, fejn imbagħad l-akkużat **Faical MAHOUACHI** niżel ukoll mill-vettura u t-tnejn li huma ġarrew lil Simon Grech għal ġewwa għalqa li kien hemm fuq il-post. Hemmhekk, dolożament, bil-ħsieb li joqtluh jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** ħarġu sikkina u bdew jagħtuh biha sakemm fil-fatt qatluh. Effettivament mill-awtopsja li eventwalment saret fuq il-katavru ta' Grech, rriżulta li huwa qala' *minn ta' l-anqas* sbatax (17)-il daqqa ta' sikkina, liema daqqiet ikkaġunawlu l-mewt;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kisru l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fil-każ ta' l-akkużat **Ismael HABESH** *ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** saru ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm) ġewwa l-Marsa, Malta, **<u>ġarrew 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija</u>**, kif ukoll illi rrendew ruħhom reċidivi.

**<u>L-akkuża</u> :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI**, reċidivi f'delitt, ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, **ġarrew 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija**;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet (3) xhur**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 6, 51(7) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikoli 17, 23, 31(f), 49, 50, 64 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IR-RABA' (4) KAP - Fil-konfront ta' Ismael HABESH waħdu.**
***Riċettazzjoni.***

**Il-fatti** :

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel tliet (3) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u cioe' nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm), l-akkużat **Ismael HABESH** mar fimkien ma' sieħbu **Faical MAHOUACHI** ġewwa l-Marsa biex isibu lil Simon Grech u joqtluħ;

ILLI sabiex kemm jista' jkun ma jintgħarfux, **HABESH** u **MAHOUACHI** ddeċidew li ma jmorrux bil-karozza ta' **HABESH** biex iwettqu dan l-omiċidju. L-akkużat **Ismael HABESH** kien jaf li xi ġranet qabel, ħabib tiegħu, ċertu Jamal Muftah Salem Belkheir kien seraq karozza tat-tip *Ford*

mudell *Escort Mk. 6,* bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT-308 minn ġewwa l-Qawra. Din il-vettura [li kienet tiswa' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgħa u tletin Ċenteżmu (€2,329.37)] kienet insterqet minn Jamal lil ċertu Alfred Xerri fit-Tletin (30) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), u kemm Jamal kif ukoll l-akkużat **Ismael HABESH** kienu jagħmlu użu minn din il-vettura misruqa. Fil-fatt, dakinhar tal- Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), l- akkużat **Ismael HABESH** iddeċieda li juża proprju din il-vettura misruqa biex, flimkien ma' **Faical MAHOUACHI** jmorru jwettqu l-omiċidju brutali ta' Simon Grech;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużat **Ismael HABESH** kien instab ħati preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, l-akkużat **Ismael HABESH** kiser ukoll il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 (*ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152) tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi :**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Ismael HABESH** sar ħati talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet ta' qabel din id-data, **f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara' ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat** (vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6,* bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT-308, li tiswa' aktar minn €2,329.37), sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv.

**L-akkuża :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Ismael HABESH**, reċidiv f'delitt, ħati talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet ta' qabel din id-data, **f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara' ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat** (vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6,* bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT-308, li tiswa' aktar minn €2,329.37), sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużat **Ismael HABESH** kien instab ħati preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**<u>Il-piena mitluba</u>** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ismael HABESH** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax (18)-il xahar sa tmien (8) snin</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 64, 279(b), 334(a), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Rat illi l-akkużat Faical MAHOUACHI minkejja li fit-23 ta' Novembru 2017 ġie debitament notifikat personalment bl-att tal-akkuża, bin-nota tax-xiehda u b'kopja ta' dak li jgħid l-artikolu 438 tal-Kodiċi Kriminali baqa' ma ppreżenta ebda eċċezzjonijiet preliminari.

3. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari preżentata mill-akkużat Ismail HABESH nhar id-19 ta' Diċembru 2017 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti :

> 1. Illi stante li l-process verbal numru 743/2005, flimkien mal-atti tieghu ezebiti fl-Atti tal-Istruttorja, m'humiex kollha ffirmati mill-Magistrat Inkwirenti, dan jammonta ghall-irregolarita` fil-proceduri li ma tistax tigi sanata u ghalhekk ghandu jigi sfilzat. Jigi umilment rilevat li huwa obbligu tal-Avukat Generali li jezamina l-atti tal-process verbal qabel ma jigu prezentati f'kompilazzjoni, u f'kaz li jirrizultalu li hemm xi nuqqas, huwa ghandu jirrinvija l-atti processwali lil dik il-Qorti permezz ta' rinviju skont l-artikolu 432 tal-Kodici Krimina, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jitlob lill-Magistrat Inkwirenti sabiex jirregolarizza tali nuqqas;
>
> 2. Illi inoltre jigi rilevat illi anke l-atti tal-kumpilazzjoni flimkien ma' dokumenti ohra esebiti m'humiex kollha ffirmati mill-Magistrat illi

kkonduca l-kumpilazzjoni, dan jammonta ghall-irregolarita` fil-proceduri li ma tistax tigi sanata u ghalhekk ghandu jigi sfilzat. Jigi umilment rilevat li huwa obbligu tal-Avukat Generali li jezamina l-atti tal-process f'kompilazzjoni, u f'kaz li jirrizultalu li hemm xi nuqqas, huwa ghandu jirrinvija l-atti processwali lil dik il-Qorti permezz ta' rinviju fejn jitlob lill-Magistrat sabiex jirregolarizza tali nuqqas;

3. Illi inoltre jigi rilevat illi nonostante illi kien hemm bdil fil-Magistrat illi mexxa l-kumpilazzjoni, u cioe' mill-Magistrat Dr. Carol Peralta ghall-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech, ma kienx hemm l-ezenzjoni la min-naha tad-Difiza u lanqas mill-Prosekuzzjoni ghall-htiega o meno jekk iridux jergghu jittellghu jixhdu x-xhieda illi kienu telghu precedentament, dan jammonta ghall-irregolarita` fil-proceduri li ma tistax tigi sanata. Jigi umilment rilevat li huwa obbligu tal-Avukat Generali li jezamina l-atti tal-process f'kompilazzjoni, u f'kaz li jirrizultalu li hemm xi nuqqas, huwa ghandu jirrinvija l-atti processwali lil dik il-Qorti permezz ta' rinviju fejn jitlob lill-Magistrat sabiex jirregolarizza tali nuqqas;

4. Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi qieghed jigi mitlub l-isfilz **tal-istqarrijiet kollha** rilaxxati mill-akkuzat u kwalunkwe referenza ghalihom matul il-process (fosthom ix-xhieda tal-Ispetturi illi jaghmlu referenza ghal tali stqarrijiet specjalment ix-xhieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo), stante li dawn ma ttiehdux b'mod regolari u dan a skorta ta' diversi gurisprudenza kemm lokali kif ukoll sentenzi barranin. Dan ghaliex il-mankanza kemm **tad-dritt tal-avukat u kemm ghal prezenza tal-avukat tal-fiducja tal-akkuzat waqt linterrogatorju** jilledi d-dritt tal-persuna arrestata, llum akkuzat, kif sancit fl-artikoli 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

5. Illi inoltre jigi rilevat ukoll illi qieghed jigi mitlub l-isfilz **tal-istqarrijiet kollha** rilaxxati mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u kwalunkwe referenza ghalihom matul il-process (fosthom ix-xhieda guramentata illi taw quddiem il-Magistrat Inkwerenti u anke x-xhieda taghhom bil-gurament quddiem il-Magistrat illi sema' l-kumpilazzjoni peress illi waqt tali xhieda giet moqrija lilhom l-istqarrija taghhom jew bicciet minnha), stante li dawn ma ttiehdux b'mod regolari u dan a skorta ta' diversi gurisprudenza kemm lokali kif ukoll sentenzi barranin. Dan ghaliex il-mankanza kemm **tad-dritt tal-avukat u kemm ghal prezenza tal-avukat tal-fiducja tal-akkuzat waqt linterrogatorju** jilledi d-dritt tal-persuna interrogate kif sancit fl-artikoli 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

6. Illi inoltre qieghed jintalab l-isfilz tal-vetturi Vauxhall Astra ta' lewn iswed bin-numru ta' registrazzjoni CAJ 107, Van Mazda ta' lewn kannella bin-numru ta' registrazzjoni GAB 324 u Ford Escort ta' lewn ahmar bin-

numru ta' registrazzjoni MAT 308 u kwalunkwe konstatazzjoni u/jew rapport illi sar fuq tali vetturi stante illi meta gew elevati mill-Pulizija hadd ma kien prezenti lanqas fl-aghar ipotezi l-persuna li f'isimha din il-vettura kienet registrata. Illi jigi rilevat illi l-ebda awtorita gudizzjarja ma kienet prezenti meta gew elevate tali l-imsemmija vetturi. Illi jidher illi dawn il-vetturi gew elevati taht l-awtorita tal-Inkwirenti, fejn kienu prezenti biss l-Ufficjali tal-Pulizija li investigaw dan il-kaz u lufficjali tax-xena tar-reat nominati fl-inkjesta magisterjali li hadu hsieb jiffotografaw il-process kollu ta'l-elevazzjoni u t-tehid tal-vettura gewwa lgaraxx tal-laboratorju forensiku. Illi izda l-esponent jirrileva illi l-ebda awtorita' gudizzjarja u lanqas il-persuna li f'isimha dawn il-vetturi kienu registrati ma kienu prezenti meta gew elevati l-imsemmija vetturi. Illi ghalhekk huwa car u evidenti illi meta gew elevati l-vetturi surreferiti kien hemm tali mankanzi liema mankanzi jmorru kontra l-ispirtu tal-ligi stante illi c-*chain of evidence* ma nzammitx u ghalhekk qieghed jintalab l-isfilz tal-istess vetturi u kwalunkwe konstatazzjoni u/jew rapport illi sar fuq tali vetturi;

7. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-esponent qieghed jitlob l-isfilz tad-dokumenti esebiti a fol 88-92 tal-atti tal-kumpilazzjoni stante illi mhemmx ix-xhieda bil-gurament ta' min ipprezentahom u lanqas biss jirrizulta minn ipprezenta tali dokumenti u ghalhekk tali dokumenti ghandhom jigu sfilzati;

8. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, r-relazzjoni ulterjuri tal-espert Dr. Mario Scerri u x-xhieda bil-gurament tieghu fejn ikkonstata u ezamina lill-akkuzat Ismael Habesh ghandha tigi sfilzata stante illi huwa qatt ma kellu nomina relattiva jew ulterjuri sabiex jezamina lill-akkuzat;

9. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, r-relazzjoni, ix-xhieda bil-gurament u l-prezentazzjoni ta' kwalunkwe document mit-tabib Dr. Mark Rosso ghandha tigi sfilzata stante illi huwa qatt ma kellu nomina relattiva sabiex jezamina lill-akkuzat;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għall-dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat***

5. L-ewwel żewġt eċċezzjonijiet sejrin jiġu trattati flimkien.

6. Illi huwa minnu li a fol 545, 554 sa 557, 566 sa 568, 573 sa 576, 581 sa 590, 772 sa 776, 853 sa 857, 948 sa 952 u 954 sa 959 ma hemmx il-firem tal-Maġistrat. Fit-Tieni Volum tal-Proces Verbal tal-inkjesta maġisterjali bin-numru 39/2005 hemm dok JA - ir-relazzjoni ta' PS602 Jonathan Attard - li ma ġietx iffirmata mill-Maġistrat.

7. L-akkużat jargumenta li n-nuqqas ta' firma tal-Maġistrat minn fuq dawn id-dokumenti jammonta għal irregolarita fil-proċedura li ma kienetx tista' tiġi sanata u b'hekk dawk l-atti kellhom jiġu sfilzati.

8. L-artikoli tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw dan il-punt jgħidu hekk:

> 395. L-eżami tax-xhieda u tal-imputat għandu jiġi iffirmat mill-maġistrat.
>
> 396. Kull dokument miġjub matul il-kompilazzjoni għandu jiġi kontro-firmat mill-maġistrat, u notament ta' din il-produzzjoni għandu jitniżżel fuq id-dokument stess mir-reġistratur jew mill-uffiċjal li jagħmel floku.

9. Dawn iż-żewġt artikoli jeħtieġu l-firem tal-Maġistrat fl-eżami tax-xiehda u dak tal-imputat nonche fuq kull dokument miġjub matul il-kompilazzjoni. Il-Qorti tqis li għan prinċipali wara dan ir-rekwiżit huwa sabiex tiġi garantita l-awtentiċita ta' dawk l-atti b'mod li meta l-proċess jgħaddi mill-fażi Istruttorja għal quddiem il-Ġuri, il-Ġurati jkollhom moħħhom mistrieħ li dak li hemm reġistrat fl-atti jkun awtentikament intqal jew ġie preżentat mill-imputat jew xhud skont il-każ.

10. L-artikolu 395 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li l-eżami tax-xiehda u tal-imputat għandhom jiġu ffirmati mill-Maġistrat. Imbagħad l-artikolu 396 jgħid li d-dokumenti miġjuba fil-kompilazzjoni għandhom jiġu kontro-firmati mill-Maġistrat. Għaliex fit-395 tgħid firmati u fit-396 tgħid kontro-firmati? Hemm xi differenza bejn firma u kontrofirma fil-kuntest attwali?

11. Il-Liġi hija sa ċertu punt siekta – għajr dak imsemmi mill-artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali. Fit-test tal-Kodiċi Kriminali oriġinali kien hemm distinzjoni bejn l-artikoli 395 u 396. Maż-żmien din id-distinzjoni iċċajpret. Oriġinarjament min kien jagħmel stqarrija – imputat daqskemm xhud – kellu l-obbligu li hu stess jiffirma fuq id-dokument li fuqu l-eżami jkun ġie reġistrat. Fil-fatt l-artikolu 395 tal-Kodiċi Kriminali, oriġinarjament, kien jgħid hekk :

> 357. Gli esami dei testimonii e dell'imputato saranno sottoscritti dall'esaminato, o qualora non sapesse scrivere saranno da lui segnati con una marca di sua mano; saranno poi anche contrassegnati dal magistrato. Se l'esaminato non potesse o non volesse sottoscrivere o segnare il suo esame, tale circostanza sara' espressamente certificata in pie' dell'esame dal magistrato, e il testimonio, che non volesse sottoscrivere o segnare, potra' essere dalla stessa corte punito come reo di disprezzo dell'autorita della corte.
>
> 358. Ogni documento che venisse presentato nel corso della istruzione sara' contrassegnato dal magistrato, e certificatane sullo stesso la esibizione dal registratore o dall'ufficiale che ne facesse le veci.

12. Jiġifieri oriġinarjament fiż-**żewġt ċirkostanzi** imsemmija f'dawn l-artikoli jirriżulta li r-rwol tal-maġistrat kien dak li jagħmel *contrassegno* tad-dokumenti jew tax-xiehda li tkun ġiet prodotta u ma kienx hemm distinzjoni bejniethom.

13. Ġara pero li permezz tal-artikolu 1 tal-Ordni fil-Kunsill tal-1899, l-artikolu 357, illum 395 ġie emendat bil-mod kif insibu illum il-ġurnata. Il-bidla li minn *contrassegno* għal *segno* issa saret minħabba l-fatt li fl-artikolu 357 ma kienx aktar ser ikun hemm il-ħtieġa ta' sottoskrizzjoni tal-imputat jew tax-xhud. Issa r-riċezzjoni tal-eżami tal-imputat u tax-xiehda bdew jiġu awtentikati mill-Maġistrat – bil-garanzija tal-firma tiegħu u mhux aktar ***kontrassenjat*** minnu.

14. Dan huwa differenti mix-xenarju taħt l-artikolu 396 tal-Kodiċi Kriminali. Dawk id-dokumenti li jkunu ġew preżentati matul il-kors tal-istruttorja – minn terzi – kien jeħtiġilhom li jkunu kontrassenjati mill-Maġistrat – in kwantu kienu prodotti minn ħaddieħor.

15. L-iskop aħħari wara din l-emenda introdotta bl-artikolu 1 tal-Ordni fil-Kunsill tal-1899 kienet dupliċi billi titnaqqas il-burokrazija u fil-kontemp tibqa' preżervata l-awtentiċita ta' dak li jkun qiegħed jiġi mistqarr u miktub fl-atti, bil-garanzija tal-firma tal-Maġistrat.

16. Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-eżami tax-xhieda u tal-imputat ġie ffirmat mill-Maġistrat. Ma hemm ebda difett hemmhekk, u ma hemm ebda bażi għal nullita kif altrimenti setgħet tirriżulta minn ċerta ġurisprudenza.[1]

---

[1] Ara f'dan is-sens ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Saviour Azzopardi et***, deċiża minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono nhar it-13 ta' Lulju 2006.

17. Veru li hemm ċerti paġni msemmija aktar il-fuq li ma ġewx iffirmati mill-Maġistrat. Ir-rekwiżit tal-firem tal-Maġistrat fuq l-eżami tax-xiehda, tal-imputat u d-dokumenti huwa rekwiżit li joħroġ mill-istess Liġi. B'hekk in-nuqqas t'osservanza jġib miegħu konsegwenzi.

18. Kif ġie ritenut minn din il-Qorti tal-Appelli Kriminali, kolleġjalment komposta, fil-proċedura fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Simon Xuereb*** tat-22 t'April 2004 : -

> Illi una volta li gie konstatat dan l-izball, forsi idealment is-soluzzjoni kienet tkun li dawn l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, biex jigi sanat id-difett billi ssir id-debita rettifika jew korrezzjoni fl-intestatura, izda dan issa mhux legalment possibbli li jsir ghaliex, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri – Kolleggjali) fl-appell **"Ir-Repubblika ta' Malta vs**. **Ann-Elizabeth sive Anabel Ebejer"** [28.2.1985], *"L-ebda irregolarita` u l-ebda difett fl-atti tal-kumpilazzjoni ma jista' jkollhom bhala konsegwenza taghhom ir-rinviju ta' l-atti mill-Qorti Kriminali lill-Qorti Istruttorja biex tigi regolarizzata l-pozizzjoni, isir dak li kellu jsir u ma sarx, jew sanat id-difett. Irregolarita` jew difett fl-atti tal-kumpilazzjoni jistghu iwasslu biss ghall-eskluzzjoni tal-prova li ma tkunx tirrizulta konformi mall-precett tal-ligi, jew inkella ghan-nullita` ta' l-att tal-akkuza , wara debita eccezzjoni bil-forma w fl-istadju opportun fil-kazijiet previsti mill-ligi."*

19. L-artikolu 597(4) u (5) tal-Kodiċi Kriminali jittratta r-rekwiżiti essenzjali għall-validita' tal-att t'akkuża fis-sens li dan l-att ma jistax jiġi attakkat minħabba xi difett fl-atti kumpilatorji, b'eċċezzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti hemmhekk imsemmija.[2] F'dan il-każ ma jirriżultax li hemm dawk l-estremi.

[2] L-artikolu 597(4) jgħid hekk :

> L-att tal-akkuża ma jistax jiġi attakkat minħabba difetti fl-atti tal-kompilazzjoni, u l-akkużat lanqas ma jista' jitlob li,minħabba xi wieħed minn dawk id-difetti, il-kawża ma tgħaddix 'ilquddiem fuq dak l-istess att ta' akkuża, ħlief jekk dak id-difett ikunjikkonsisti fin-nuqqas għal kollox tar-rapport tal-uffiċjal tal-Pulizija jew tal-eżami tal-imputat jew tad-deċiżjoni li tiddikjara lil-imputat għandu jitqiegħed taħt att ta' akkuża, inkella fir-rifjut tal-qorti istruttorja, mingħajr raġuni tajba, li tisma' l-provi miġjubin mill-imputat; bla ħsara dejjem tal-jedd tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali li jopponi

20. Illi imħadna l-prinċipji aktar il-fuq imsemmija, din il-Qorti jidhrilha li minkejja li fil-liġi oriġinali xhud kien komparteċipi fl-attribuzzjoni tal-awtentiċita tax-xiehda tiegħu u tad-dokument eżebit bis-sottoskrizzjoni tiegħu – magħquda mal-kontrofirma tal-maġistrat, illum il-ġurnata, bl-emendi li kienu saru msemmija aktar il-fuq, il-Liġi illum tvesti l-garanzija tal-awtentiċita tad-dokument fil-kontrofirma tal-Maġistrat Inkwirenti.

21. **Illi b'hekk din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni fis-sens li sejra tordna li dawk il-paġni fil-proċess li ma jirriżultawx li huma ffirmati mill-Maġistrat Inkwirenti, in kwantu mhux konformi mal-preċett tal-Liġi, jiġu esklużi bħala prova minn dan il-proċess, safejn tali dokumenti setgħu jservu ta' prova. Dan pero bl-ebda mod ma għandu jinftiehem li b'xi mod jeskludi l-produċċibilita u ammissibbilita ta' dawk ix-xiehda - li t-traskrizzjoni tax-xiehda tagħhom jew tad-dokumenti prodotti minnhom setgħu ġew milquta u sflizati minn din is-sentenza - matul il-Ġuri u dan peress li fl-aħħar mill-aħħar il-proċess penali proprju għad irid jiġi ċelebrat quddiem il-Ġurija.**

*Ikkunsidrat*

li jinġieb fil-kawża xi att li ma jkunx magħmulskont il-liġi, u li jkun irid jinġieb sabiex bih issir xi prova.L-inkompetenza tal-qorti istruttorja ratione loci ma ġġibx nullità ta' att ta' akkuża.

(5) Lanqas ma jista' att ta' akkuża jiġi attakkat għall-inkompetenza tal-qorti li għamlet il-kompilazzjoni, minħabba li l-kompilazzjoni kien imissha ssir mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) umhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u mhux mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

22. Illi kwantu għat-tielet eċċezzjoni, l-akkużat jilmenta li minkejja li kien hemm il-bdil fil-Maġistrat li mexxa l-kompilazzjoni ma kienx hemm l-eżenzjoni la minn naħa tad-Difiża u l-anqas minn naħa tal-Prosekuzzjoni għall-ħtieġa o meno jekk riedux li jerġgħu jittellgħu jixhdu xhieda li jkunu ġja xehdu preċedentement. L-akkużat saħaq li dan jammonta għal irregolarita insanabbli fil-proċeduri in kwantu l-Avukat Ġenerali naqas milli jara li tali difett jiġi sanat matul il-kors tal-istruttorja, ħaġa li evidentement ma għamilx.

23. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Minn natura tiegħu dan il-każ huwa prosegwibbli biss quddiem din il-Qorti bil-proċedura tal-Ġuri. Ir-rwol tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja f'dan il-każ huwa li tiġbor u taħżen il-provi li eventwalment għad iridu jiġu prodotti quddiem il-Ġuri. Huwa l-Ġuri li jrid jiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-fatt wara li jkun sema' lix-xiehda *viva voce* u ra' d-dokumenti u l-eżebiti prodotti u jkun għarbel l-istess. F'dan il-kuntest, ikun inutli, jekk mhux ukoll ħela ta' ħin prezzjuż jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tkun meħtieġa tadotta l-proċedura msemmija mill-akkużat fin-nota tiegħu – meta dik il-Qorti ma tkunx adita li hi stess tiddeċiedi fuq il-meritu.

24. L-iskop prinċipali tal-proċedura invokata mill-akkużat huwa li f'dawk il-każijiet li jaqgħu fil-kompetenza estiża tal-Qorti tal-Maġistrati - u fejn allura dik il-Qorti tkun tista' jiġi vestita bis-setgħa li tiddeċiedi l-meritu tal-każ - il-Maġistrat sedenti jkun f'qagħda li, bħala regola, jerġa jisma' lix-xiehda li jkunu diġa nstemgħu mill-

Maġistrat preċedenti u dan sabiex il-Maġistrat il-ġdid ikun f'qagħda li jagħmel evalwazzjoni tajba tax-xiehda tal-istess xhieda, inter alia skont il-kriterja msemmija fl-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali. F'dak il-kuntest żviluppat il-prassi invokata mid-Difiża f'dan il-każ.

25. Din il-prassi, bażata fuq eżiġenzi ta' prattiċita u speditezza fid-determinazzjoni tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġiet elaborata wkoll in vista ta' dak mistqarr fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Joseph Bartolo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar id-9 ta' Settembru 1999 fejn ġie deċiż is-segwenti :

> 3. Il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza kienet obbligata li tisma' "fil-qorti u *viva voce*" (Art. 646(1) tal-Kap. 9) ix-xhieda mressqa kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Dan isir sabiex il-gudikant -- f'dan il-kaz il-magistrat li jippronunzja s-sentenza -- jaghmel il-valutazzjoni tieghu tal-provi skond l-Artikoli 637, 638 u 639 tal-Kodici Kriminali, u, billi japplika l-ligi ghall-fatti kif jirrisultawlu, jiddeciedi dwar il-htija o meno tal-imputat. Wiehed mill-kriterji l-aktar importanti sabiex il-gudikant jasal ghall-konkluzzjoni tieghu dwar x'jemmen jew x'ma jemminx minn dak li jghid xhud hu dak ta' "l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud" (Art. 637) minn fuq il-pedana tax-xhieda. Biex dan il-kriterju jkun jista' jigi applikat hu evidenti li l-magistrat ghandu jisma' b'widhejh u jara b'ghajnej lix-xhud jiddeponi. Naturalment il-ligi tipprovdi wkoll ghal certi eccezzjonijiet fejn il-gudikant, anke fil-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' prim istanza, jista' joqghod fuq deposizzjonijiet migjuba bil-miktub, bhal, per ezempju, fil-kaz ta' certifikati ta' tobba akkumpanjati minn affidavit (Art. 646(7)). Pero' r-regola hi li l-gudikant tal-prim istanza ghandu jisma' hu ix-xhieda biex ikun verament f'posizzjoni li jaghti gudizzju skond il-ligi. Il-posizzjoni hi differenti meta l-Qorti tal-Magistrati ma tkunx qed tagixxi bhala qorti ta' prim istanza, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi biss jekk hemmx kaz *prima facie* skond l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9, jew meta tkun qed tagixxi bhala Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni. Kwantu ghal din il-Qorti, cioe' ghall-Qorti ta' l-Appell Kriminali, il-posizzjoni dwar is-smigh ta' xhieda giet imfissra b'mod car fis-sentenza preliminari tat-23 ta' Lulju, 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Bartolomeo Micallef u Isabella Micallef***, ghal liema sentenza qed issir referenza a skans ta' ripetizzjoni

26. Din hija l-loġika wara dik il-proċedura imsemmija mill-akkużat fin-nota tiegħu li pero ma għandhiex titqies applikabbli għall-kuntest ta' dan il-każ fejn il-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx sejra tieħu konjizzjoni tal-meritu tal-każ u tippronunzja s-sentenza.

27. **Għaldaqstant it-tielet eċċezzjoni sejra tiġi miċħuda.**

*Ikkunsidrat*

28. Din il-Qorti rat li l-akkużat irrilaxxja sensiela ta' stqarrijiet li ingħataw fid-9 t'April 2005; 10 t'April 2005; 15 t'April 2005; 17 t'April 2005; 23 t'April 2005; 20 ta' Frar 2009 u 19 ta' Frar 2013;

29. Illi kwantu għal dawk l-istqarrijiet li ġew rilaxxjati qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi li kienu introdotti bl-Att III tal-2002 fl-10 ta' Frar 2010, din il-Qorti jidhrilha li għandha timxi in linea ma dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ronnie (Ronald) Azzopardi*** deċiża fid-29 ta' Mejju 2019[3] fejn ġie ritenut is-segwenti :

> **53**. Illi l-appellant iqanqal f'dan l-istadju l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija *a tempo vergine* meta kien gie arrestat u interrogat. Jibda biex jinghad illi l-appellant qatt ma ammetta r-responsabbilta` tieghu ghal dan l-event kriminuz u dejjem cahad l-involviment tieghu. Huwa ndubitat madanakollu illi fiz-zmien li kien gie mitkellem mill-pulizija, huwa ma kienx ingħata d-dritt li jikkonsulta ma` avukat tal-għażla tieghu billi l-ligi applikabbli f'dak iz-zmien dan il-jedd kienet tipprekludieh.

[3] Fejn allura kien issa magħruf l-eżitu tas-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet ***Beuze vs Belgium*** deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018.

**54**. Illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-ilment minnu imqanqal u dan fid-dawl tal-izviluppi legali kif ukoll ġurisprudenzjali in materja f'dawn l-ahhar snin. Illi sa ftit ilu din il-Qorti (kif diversament komposta) rega` sahqet il-principju ta' dritt illi stqarrija rilaxxjata minghajr il-jedd tal-persuna suspettata tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skarata bhala prova in atti[154]. Illi allura ghalkemm il-gurati fiz-zmien li kien celebrat il-guri inghataw direzzjoni mill-Imhallef sabiex jiehdu kont tat-twegibiet moghtija fl- istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant, madanakollu minn dak iz-zmien il-posizzjoni legali u gurisprudenzjali inbidlet, in linea mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'uhud minn dawn id-decizjonijiet sahansitra inghataw fil-konfront ta' Malta :

> **"7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall-xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit- telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l- artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal- legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal- persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id- dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal- dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal- mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;**
> **8. Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l- Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz**

[4] 15 Ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et.

**Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati;**
**Illi ghalhekk l-evoluzzjoni tad-dritt ta' assistenza legali, kompriz allura l-enuncjazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jkun ekwiparat ma' bdil fil-ligi...'**[16][5]

**55**. Tenut kont tal-fatt illi l-istqarrijiet esebiti in atti gew rilaxxjati mill-appellant qabel l-2010, u allura fiz-zmien meta d-dritt ghall-assistenza legali kien kompletament inezistenti, din il-Qorti ma tistax hlief tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant meta tigi biex taghmel l-evalwazzjoni mill-gdid tal-provi fl-aggravju lilha devolut marbut mal-apprezzament tal-provi.

30. Illi din is-sentenza tibni fuq il-loġika ta' sentenza oħra mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi*** tat-13 ta' Frar 2017 fejn inter alia intqal hekk :

L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn kompromettenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' Borg.

31. Din il-Qorti jidhrilha li kwantu għall-istqarrijiet rilaxxjati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att III tal-2002 u l-konsegwenti emendi li bdew jagħtu lok għal forma t'assistenza legali, problema prinċipali kienet il-projbizzjoni sistemika li kienet teżisti fil-Liġi Maltija fejn ebda

[5] [16] Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef, David Tabone u Darren James Vella – Appell 14/2013/1 deċiża mill- Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, deċiża nhar it-3 ta' April 2019.

forma t'assistenza legali ma kienet permessa qabel jew waqt interrogatorju mill-Pulizija jew forzi perposti għaż-żamma tal-ordni fil-pajjiż.

32. Is-sentenzi ta' ***Beuze v. Belgium***[6] u ***Farrugia v. Malta***[7] xi ftit jew wisq irrilassaw il-posizzjoni riġida ġia adottata minn ***Borg v. Malta***[8] u każijiet oħra fejn il-QEDB qieset il-ksur awtomatiku tal-jeddijiet tal-bniedem bħala riżultat ta' projbizzjoni sistemika tal-jedd għal assistenza legali qabel jew waqt interrogazzjoni. In-nuqqas ta' linejarita stretta fil-posizzjoni tal-QEDB fuq dan il-punt waslet ukoll għal interpretazzjonijiet differenti mill-Qrati domestiċi. Din tista' tkun rifless ta` posizzjonijiet ideoloġiċi differenti li joqltu l-punt legali sollevati bl-eċċezzjoni preliminari f'dan il-każ. Kif jiġri spiss, dawn is-sentenzi mhux dejjem ikunu unanimi; u bosta drabi jkun hemm opinjonijiet dissenzjenti esperessa minn xi wħud mill-Imħalfin li jiffurmaw parti minn dik il-Qorti. Fil-kuntest tal-materja legali dibattuta opinjonijiet dissenzjenti ma huma xejn sorprendenti minħabba t-tensjonijiet ideoloġiċi li jolqtu dawn il-punti legali u li waslu għal konklużjonijiet differenti fuq l-istess punti legali matul dawn l-aħħar snin.

33. Jirriżulta li s-sentenza ***Azzopardi*** aktar il-fuq imsemmija ingħatat madwar sitt xhur wara s-sentenza ***Beuze***, iżda ġiet pronunzjata biss tmint ijiem qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza ***Farrugia***. Jibqa' pero l-fatt li ***Farrugia v. Malta*** kien jittratta każ kriminali li kien ġie deċiż,

---

[6] QEDB, Grand Chamber, 9 ta' Novembru 2018.
[7] QEDB, Third Section, 4 ta' Ġunju 2019.
[8] QEDB, 12 ta' Jannar 2016.

mentri dan in disamina huwa każ kriminali li għad irid jiġi ċelebrat. B'hekk din il-Qorti għadha fi stadju li tista' tqis iċ-ċirkostanzi partikolari u tevalwa l-prinċipji li jitnisslu minn din il-każistika tal-QEDB u tapplikaha b'mod konkret għall-każ in kwistjoni.

136. In addition to the above-mentioned aspects, which play a crucial role in determining whether access to a lawyer during the pre-trial phase has been practical and effective, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see *Hovanesian v. Bulgaria*, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; *Simons*, cited above, § 30; *A.T. v. Luxembourg*, cited above, § 64; *Adamkiewicz*, cited above, § 84; and *Dvorski*, cited above, §§ 78 and 108).

***(iv) Relationship between the justification for a restriction on the right of access to a lawyer and the overall fairness of the proceedings***

137. The principle that, as a rule, any suspect has a right of access to a lawyer from the time of his or her first police interview was set out in the *Salduz* judgment (cited above, § 55) as follows:

> "... in order for the right to a fair trial to remain sufficiently 'practical and effective' ..., Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 ... The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."

138. The *Salduz* judgment also demonstrated that the application on a "systematic basis", in other words on a statutory basis, of a restriction on the right to be assisted by a lawyer during the pre-trial phase could not constitute a compelling reason (ibid., § 56). In spite of the lack of compelling reasons in that case, the Court nevertheless analysed the consequences, in terms of overall fairness, of the

admission in evidence of statements made by the accused in the absence of a lawyer. It took the view that this defect could not have been cured by the other procedural safeguards provided under domestic law (ibid., §§ 52 and 5758).

139. The stages of the analysis as set out in the *Salduz* judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case-specific decisions taken by the competent authorities.

140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention (see, in particular, *Dayanan*, cited above, § 33, and *Boz v. Turkey*, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form (see, among other authorities, *Çarkçı v. Turkey (no. 2)*, no. 28451/08, §§ 43-46, 14 October 2014), and sometimes in greater detail (see, among other authorities, *A.T. v. Luxembourg*, cited above, §§ 72-75).

141. **Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in *Ibrahim and Others* the Court consolidated the principle established by the *Salduz* judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them** (see *Ibrahim and Others*, cited above, §§ 257 and 258-62).

**(α) Concept of compelling reasons**

142. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case (see *Salduz*, cited above, §§ 54 *in fine* and 55, and *Ibrahim and Others*, cited above, § 258). A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons.

143. The Court has also explained that where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 259, and *Simeonovi*, cited above, § 117).

**(β) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test**

144. In *Ibrahim and Others* the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer (see paragraph 97 above) to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. **However, as can be seen from the**

***Ibrahim and Others*** **judgment, followed by the** ***Simeonovi*** **judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that** ***Salduz*** **had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the** ***Dayanan*** **case and other judgments against Turkey** (see paragraph 140 above).

145. **<u>Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment</u>**. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Ibrahim and Others*, cited above, § 265).

146. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 273 *in fine*).

147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see the case-law on Article 6 § 1 cited in paragraph 120 above).

148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but <u>to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.</u>

149. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3(c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case.

(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see *Ibrahim and Others,* cited above, § 274, and*Simeonovi*, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;

> (g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case; (h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
>
> (i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
>
> (j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."

Issa maghmula allura dawn il-konsiderazzjonijiet fejn gew imfassla il-kriterji li ghandhom jigu ezaminati f'kull kaz ghalih u dan anke fejn allura tezisti restrizzjoni generali fil-ligi dwar id-dritt tal-access ghall-avukat, bil-Qorti Ewropeja titbieghed mill-insenjament tramandat fil-kaz ta' *Salduz*, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet fuq il-kaz taht il-lenti taghha.

Illi ghalkemm illum kif inghad il-ligi regghet giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija tal-appellant kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f'dan il-pronunzjament kull kaz irid jitqies ghalih u cioe' allura billi jigi mistharreg f'kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar 'il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.

Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f'kaz fejn xi forma ta' assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi *a priori* illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk ilproceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':

1. *the existence of compelling reasons for the right to be witheld*
2. *the overall fairness of the proceedings.*

Jinghad biss f'dan il-kaz illi l-appellant kien abbilment assistit tul dawn il-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu. Fl-ebda mument tul il-proceduri ma jqanqal il-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-istqarrija minnu rilaxxjata biex b'hekk il-Qorti ghandha quddiemha prova li qatt ma giet ikkontestata. Illi maghdud dan madanakollu l-Qorti tosserva li l-appellant kien ikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma gie interrogat. F'dak iz-zmien huwa kellu sitta u ghoxrin sena u diga` kellu irregistrati kontra tieghu hdax-il kundanna biex b'hekk ma jistax jitqies li kien bniedem vulnerabbli. L-appellant qatt ma jikkontendi illi hu jew l-avukat tieghu ma gewx mgharrfa mill-pulizija dwar in-natura tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu jew tal-provi li l-pulizija kellhom f'idejhom. Fuq kollox dak mistqarr millappellant fl-istqarrija minnu rilaxxjata huwa biss korroborazzjoni ta' dak li jikkontendu l-vittmi billi dawn kienu x-xhieda ewlenija f'dan il-kaz meta jistqarru li gharfu lill-appellant bhala wiehed mill-hallelin.

Illi finalment ghalkemm il-ligi f'dak iz-zmien ma kenitx tippermetti lill-avukat li jkun prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija, madanakollu ghandu jinghad illi l-ligi kif inhi illum ma tantx toffri dik l-assistenza effettiva bil-fatt illi l-avukat ikun prezenti malpersuna suspettata waqt li din tkun qed tigi interrogata bil-*proviso* ghall-artikolu 355AUA (8)(c) tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Id-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet."** Fil-fatt minn qari tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja dwar id-Dritt tal-assistenza legali, ghalkemm din giet tramandata kwazi kelma b'kelma fil-ligi taghna, madanakollu dana l-*proviso* ma jirriaffigura imkien fl-artikolu 3 tad-Direttiva, li gie trasportat fl-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk din il-Qorti ma issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li strahet fuq ixxiehda tal-vittmi f'dan il-kaz abbinata mal-istqarrija rilaxxjata mill-appellant u dan sabiex sejset is-sejbien ta' htija fil-konfront tieghu.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Maximilian Ciantar u konsegwentement tikkonferma l-ewwel sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-29 ta' Novembru 2017 fl-intier tagħha.

50.Illi fl-ġurisprudenza Maltija l-aktar reċenti dwar din il-materja, b'mod partikolari ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello*** deċiża fis-27 ta' Marzu 2020 mill-Qorti Kostituzzjonali, iċċitat u ħadnet ukoll dak imsemmi fis-sentenza ***Beuze vs. Belgium*** (para 120 – 130).[17] F'***Beuze*** ġie ritenut li l-obbligu tal-assitenza legali japplika mill-mument meta persuna tkun '*charged with a criminal offence*' u dan skond it-tifsira indikata fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea (para 129).[18] Madankollu skond l-istess sentenza dik il-Qorti stabbiliet illi:-

> In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).

[17] Deċiża nhar id-9 ta' Novembru 2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

[18]Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja jaqra hekk :

> Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:
> (a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;
> (b) to have adequate time and the facilities for the preparation of his defence;
> (c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;
> (d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him;
> (e) to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court.

51. Jiġifieri l-esklużjoni tad-dritt tal-assistenza legali ma tfissirx awtomatikament illi l-proċedura adoperata tkun ritenibbli inamissibbli jew illi d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun ikunu ġew awtomatikament leżi. Biex jiġi deċiż jekk u safejn dawn il-jeddijiet ta' smiegħ xieraq ikunu ġew mittiefsa wieħed irid iħares lejn il-proċedura imħadma b'mod globali u sħiħ u jara jekk din kienetx waħda ġusta.

52. In oltre skond l-istess sentenza ingħad illi apparti ċertu istanzi indikati fejn il-presenza attiva u mhux astratta tal-avukat tkun meħtieġa : -

> the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.

53. Infatti din is-sentenza tagħmel referenza wkoll għal dak li rriżulta mill-każ ta' ***Salduz vs Turkey*** fejn irrispettivament mill-linji gwida mogħtija minnha, sostniet illi l-QEDB sussegwentement għal din is-sentenza, ħadet approċċ inqas assolutista għall-effetti ta' dan in-nuqqas tal-assistenza legali : *and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form and sometimes in greater deal'.*

54. Inoltre sabiex dan jiġi stabbilit, il-Qorti għamlet riferenza għall-paragrafu 150 tas-sentenza ***Beuze*** dwar xi kriterja trid iżżomm quddiem għajnejha meta teżamina l-proċeduri b'mod sħiħ sabiex tkun tista' tevalwa l-impatt li xi nuqqasijiet proċedurali fil-pre-trial stage jista' jkollhom fuq il-kunċett tal-*overall fairness of the criminal proceedings* u rribadiet il-kriterja u fatturi mhux eżawrjenti meħuda mill-każistika tal-QEDB li jridu jiġu kunsidrati u li diġa ġew imsemmija aktar il-fuq meta din il-Qorti ċċitat mill-appell kriminali inferjuri ***Ciantar***.

55. L-istess prinċiplji ġew applikati f'sentenza oħra tal-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Farrugia vs. Malta*** fejn in bażi għal dawn il-prinċipji dik il-Qorti kkonkludiet illi :

> while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.

***Ikkunsidrat***

56. Illi qabel ingħatat l-istqarrija li ttieħdet mill-akkużat fis-sena 2013 - fejn allura l-akkużat ingħata d-dritt għall-aċċess għall-avukat, għalkemm mhux waqt l-interrogazzjoni - wara li l-appellant ingħata l-possibilita li jikkonsulta ma avukat u huwa **<u>irrifjuta</u>** li jkun assistit legalment.

57. L-appellant jirriżulta li għandu fedina penali li tindika li hu ġieli xellef dufrejgħ mal-Ġustizzja u tressaq il-Qorti diversi drabi. Huwa jirriżulta li kien ukoll ġie misjub ħati diversi drabi t'offiżi kriminali minn dawn il-Qrati. L-appellant ma kienx t'eta tenera ma ġie interrogat in konnessjoni ma dan il-każ. Ma jirriżultax li l-appellant kien f'xi posizzjoni partikolarment vulnerabbli meta huwa ġie mitkellem mill-Pulizija jew li kellu xi impediment mentali li jirrendih vulnerabbli.

58. Meta ġie biex jiġi mitkellem mill-Pulizija huwa mhux biss ġie mogħti l-jedd li jikkomunika mal-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel jiġi mitkellem – skont il-Liġi viġenti dak iż-żmien – iżda wkoll ġie mwissi bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket iżda li dak li jgħid jitniżżel bil-miktub u li jinġieb bi prova.

59. Ma jirriżultax li f'dan il-każ l-Pulizija akkwistaw evidenza kontra l-Liġi u t-teħid ta' dawn l-istqarrijiet sar regolarment skont il-Liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di piu' ma jirriżultax li l-appellant qajjem, *in limine litis*, xi lment dwar il-mod ta' kif tali stqarrijiet ġew meħuda mill-Pulizija jew xi irregolaritajiet jew abbużi minnhom matul it-teħid tal-istess.

60. Mill-kontenut tal-istqarrija ma hemmx informazzjoni li fiha nnifisha setgħet twassal għall-inkriminazzjoni tiegħu għar-reati l-aktar serji u dan peress illi hu ċaħad l-involviment tiegħu fil-qtil ta' Simon Grech. Mill-banda l-oħra bl-ebda mod ma jista' jingħad li dawn l-istqarrijiet setgħu kienu l-bażi unika jew prinċipali li fuqha l-

akkużat jista' jiġi misjub ħati mill-Ġuri. Kwindi, din il-Qorti mhix tal-fehma li hemm bażi legali għaliex din l-istqarrija għandha titqies inammissibbli.

61. Apparti minn hekk, kif intqal il-fuq, il-kontenut tal-istqarrija f'dawn il-proċeduri ftit li xejn isservi sabiex titfa' pern fuq il-ħtija o meno tal-akkużat għar-reat tal-omiċidju volontarju, li żgur huwa r-reat l-aktar serju f'dan il-każ. Jekk xejn hemm provi oħra fil-proċess li fuqhom il-Prosekuzzjoni tista' tibbaża l-każ tagħha meta tiġi biex titlob li l-akkużat jiġi misjub ħati mill-Ġuri.

62. B'hekk il-Qorti ma tqisx li l-istqarrija rilaxxjata fit-13 ta' Frar 2013 għandha tiġi skartata għax jekk jiġri dan, il-Ġuri jkun qiegħed jiġi mċaħħad minn evidenza li hija rilevanti għal dan il-każ.

63. **Għaldaqstant il-Qorti sejra tilqa' in parti r-raba' eċċezzjoni fis-sens li tordna li l-istqarrijiet kollha magħmula mill-akkużat fl-2005 u fl-2009 jiġu sfilzati; filwaqt li kull riferenza li ssir għal dawn l-istqarrijiet minn kwalunkwe xhud għandha tiġi mħasra u ma tiġix murija lill-Ġurati.**

64. **Iżda l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat fid-19 ta' Frar 2013 għandha tiġi ritenuta bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-Ġuri; daqskemm għandhom jiġu ritenuti ammissibbli u produċibbli bi prova <u>riferenzi li issa setgħu saru fiha mill-akkużat fit-tweġibiet tiegħu għal dikjarazzjonijiet li huwa għamel preċedentement u kull riferenza li saret minn xi xhud ieħor dwar dawk il-fatti li l-akkużat semma fl-istqarrija tiegħu</u>**

**<u>anke b'riferenza għal fatti msemmija minnu preċedentement iżda li ġew imsemmija fl-istqarrija tad-19 ta' Frar 2013</u>. Biss kull riferenza li ssir f'din l-istqarrija dwar meta l-akkużat iltaqa' mal-ko-akkużat fil-Ħabs ta' Kordin jew kull riferenza li ssir għall-dik il-Faċilita jew għall-kondotta kriminali preċedenti tal-akkużat fiha għandha tiġi wkoll imħasra.**

*Ikkunsidrat*

65. Illi l-ħames eċċezzjoni titratta talba għall-isfilz tal-istqarrijiet kollha rilaxxjati mix-xiehda tal-Prosekuzzjoni u kull referenza magħmula għalihom peress li dawn kienu ittieħdu mingħajr ma kien ġie offrut id-dritt tal-assistenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogatorju.

66. Illi dwar dan l-akkużat ma għandux raġun. Qabel xejn starrijiet ta' terzi persuni jservu għal fini ta' kontroll. Ix-xiehda tax-xhieda viva voce fil-Ġuri tibqa' dejjem il-posizzjoni ewlenija meħtieġa mill-Liġi. Biss minbarra dan, anke fejn stqarrijiet ġuramentati jistgħu iservu ta' prova fi proċeduri kriminali, din il-Qorti taqbel ma dak mistqarr mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi*** tat-13 ta' Frar 2017 fejn intqal :

> 14. Il-kwistjoni li trid tindirizza din il-qorti hawnhekk hija jekk l-istqarrija tax-xhud ewlieni fil-każ tal-attur – u cioè Maria Assunta Vella – hijiex

valida u jekk tistax tintuża bħala prova kontra l-attur u dan minħabba l-fatt li l-istess stqarrija ttieħdet mill-pulizija waqt l-interrogazzjoni ta' Maria Assunta Vella mingħajr ma' din kellha l-opportunità sabiex tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni.

15. Dan it-tip ta' ilment dwar stqarrija ta' xhud diġà kien trattat fissentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet "Mario Borg v. Kummissarju tal-Pulizija et. F'dik il-kawża Mario Borg kien ilmenta, inter alia, dwar il-fatt li x-xhieda ewlenin li xehdu fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu ma kellhomx aċċess għal assistenza legali u għalhekk dak in-nuqqas kellu riperkussjonijiet fil-proċeduri filkonfront tiegħu. Din il-qorti kienet qalet hekk:

> »Għalkemm mhux neċessarjament huwa l-każ illi, kif qalet l-ewwel qorti, "F'każ ta` stqarrija li tingħata lill-pulizija, hi biss il-persuna li tagħmel l-istqarrija li għandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellhiex aċċess għall-avukat u tinvoka ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" – għax jista' jkun illi min jagħmel listqarrija ma jkollux aċċess għal qorti u għalhekk ma jistax jitlob rimedju, iżda xorta jibqa' l-fatt illi l-istqarrija tkun ittieħdet b'abbuż u għalhekk ma tkunx tiswa bħala xiehda – fil-każ tallum iż-żewġ xhieda li għamlu l-istqarrija kellhom kull fakoltà li jikkontestawha iżda mhux biss ma għamlux hekk anzi reġgħu tennew dak li qalu f`xiehda ħielsa quddiem il-qorti. Mela jekk min għamel listqarrija ma ċaħadhiex u ma ikkontestahiex u ma lmentax li ttieħdet b'abbuż għalkemm kellu kull fakoltà li jagħmel hekk b'aċċess ħieles għal qorti, dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli.«

16. Din il-qorti adottat dan l-istess raġunament fis-sentenza tagħha mogħtija fil-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Patrick Spiteri fejn kienet qalet hekk:

> »37. Dawn l-aggravji, fil-fehma ta' din il-qorti, huma riżultat ta' malintiż pjuttost mifrux illi min hu akkużat b`reat għandu xi dritt fondamentali illi ma titħalla titressaq ebda xiehda li tista' b`xi mod tkun ta' ħsara għalih, bħallikieku għandu d-dritt ukoll illi f kull każ jinstab mhux ħati u illi lequality of arms tfisser illi l-prosekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-mezzi biex tipprova l-każ tagħha. »… … …
>
> »39. … … … ma tressqet ebda prova illi Galea u Cachia lmentaw li dawk l-istqarrijiet ittieħdu bi ksur ta' xi jedd tagħhom, u għalhekk aktar u aktar ma jistax jingħad illi dik l-istqarrija hija illeċita meta min jagħmilha ma jilmentax bi ksur ta' xi jedd tiegħu.
>
> »40. Mela l-premessa ta' Spiteri illi l-istqarrijiet ta' Galea u ta' Cachia huma awtomatikament illeċiti għax ma sarux bl-għajnuna ta' avukat hija ħażina u kull argument mibni fuq dik il-premessa huwa neċessarjament ħażin ukoll.«

17. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum, din il-qorti hija tal-fehma li l-fatt waħdu li l-istqarrija ta' Maria Assunta Vella li ttieħdet waqt l-interrogazzjoni tagħha ttieħdet mingħajr ma' kienet assistita minn avukat ma jfissirx, b'daqshekk, li kien hemm ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq tal-attur. Fl-ewwel lok, ix-xhud Maria Assunta Vella li għamlet l-istqarrija kellha kull fakoltà li tikkontestaha iżda mhux biss m'għamlitx hekk anzi reġgħet tenniet dak li qalet f'xiehda ħielsa quddiem il-qorti. La Maria Assunta Vella – il-persuna li għamlet l-istqarrija – ma ċaħdithiex u ma kkontestathiex u ma lmentatx li ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali

> tagħha – għalkemm kellha kull fakoltà li tagħmel hekk b'aċċess ħieles għall-qorti – dik l-istqarrija għandha titqies bħala xiehda ammissibbli. Fit-tieni lok, fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu lattur għandu l-fakoltajiet kollha li jagħtuh il-jedd għal smiegħ xieraq, fosthom l-equality of arms; partikolarment, jista' jagħmel il-kontroeżami lix-xhud Maria Assunta Vella biex b'hekk isostni bl-aħjar mod id-difiża tiegħu.
> 18. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-ewwel aggravju li ressaq l-attur huwa miċħud.

67.**Għaldaqstant din il-Qorti sejra tiċħad il-ħames eċċezzjoni.**

*Ikkunsidrat*

68.Is-sitt eċċezzjoni titratta talba għall-isfilz tal-vetturi CAJ 107, GAB 324 u MAT 308 u kwalunkwe kostatazzjoni jew rapport magħmul fuq dawn il-vetturi minħabba li l-akkużat jgħid li meta dawn ġew elevati mill-Pulizija meta ħadd ma kien preżenti l-anqas fl-agħar ipoteżi l-persuna li f'isimha din il-vettura kienet reġistrata, u ebda awtorita ġudizzjarja ma kienet preżenti meta dawn ġew elevati. Dan kien imur kontra l-ispirtu tal-Liġi in kwantu ma ġietx miżmuma ċ-"*chain of evidence*".

69.Illi kif mistqarr mill-akkużat stess, f'dan il-każ il-vetturi *de quo* ġew elevati taħt l-awtorita tal-Maġistrat Inkwirenti. Ix-xogħol svolt mill-

Uffiċjali tal-Pulizija jew is-*Scene of Crime Officers* kien qiegħed isir f'dan l-ambitu u taħt dik l-awtorita.

70. Din il-Qorti ssegwi dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mark sive Marco Pace*** tat-3 ta' Novembru 2016 fejn eċċezzjoni preliminari kważi identika għal dik imresqa f'dan il-każ kienet ġiet deċiża bil-mod segwenti :

> 17. It-tieni aggravju jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni fejn l-appellant jippretendi l-isfilz tal-vettura MMX-625. Mir-relazzjoni tas-scene-of-crime officers u mix-xiehda ta' l-Ispettur Christopher Pullicino 8 jirriżulta li din il-vettura ġiet elevata taħt l-awtorita` tal-Maġistrat Inkwirenti. Barra minn hekk mid-deskrizzjoni li jagħtu s-scene-of-crime officers fir-relazzjoni tagħhom kif anke rapportat in parte fis-sentenza appellata, hu evidenti li ttieħdu l-prekawzjonijiet sabiex jinżamm iċ-chain of evidence. Bħalma għamlet l-ewwel Qorti, qed issir referenza wkoll għall-artikolu 357 tal-Kodiċi Kriminali dwar id-doveri talPulizija Eżekuttiva meta tikxef dokumenti. Kwantu għall-ilment ta' l-appellant li ma kinux preżenti la l-awtorita` ġudizzjarja u lanqas il-persuna suspettata, issir referenza għal dak li ntqal dwar l-ewwel eċċezzjoni.

71. Fil-fatt ir-referenza li qegħda ssir hawnhekk mill-Qorti tal-Appell Kriminali għas-sentenza tal-Qorti Kriminali hija s-segwenti :

> 12. L-appellant lanqas ma jista' jirnexxi fl-ilment tiegħu dwar il-parti l-oħra ta' l-ewwel eċċezzjoni rigward l-elevazzjoni ta' samples ta' tajn, mingħajr proċessverbal u mingħajr aċċess u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat. L-esperti ġew debitament nominati mill-Maġistrat Inkwirenti b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2004.7 L-esperti tax-xena tar-reat (sceneof-crime officers) wettqu l-inkarigu tagħhom skont dik in-nomina. Għalhekk huma elevaw u ppreservaw kull evidenza forensika, u hejjew ir-relazzjoni taghhom (Dok. XF a fol. 663) fejn spjegaw b'mod dettaljat ix-xogħol li kienu għamlu sabiex jiġi preservat iċ-chain of evidence.
>
> 13. L-appellant jilmenta, pero`, li dan ix-xogħol ma sarx fil-presenza ta' min kien suspettat. L-ewwelnett jingħad illi fi stadju ta' investigazzjoni ta' delitt, mhux dejjem ikun hemm mill-ewwel persuna suspettata. Fi kwalunkwe każ, il-preservazzjoni ta' provi trid issir *without delay*.

Imbagħad f'dan il-każ, ix-xogħol sar fil-kuntest ta' inkjesta maġisterjali. Tista' hawn issir referenza għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Ignatius Fenech mogħtija fil-21 ta' Mejju 2008:

> "Issa, il-periti jigu maghzulin mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirenti f'dawk ilkazijiet li fihom ikun jehtieg hila jew sengha specjali. Huma maghzulin minn fost nies li l-Qorti jew il-Magistrat Inkwirenti jidhrilhom li ghandhom il-kompetenza necessarja fil-qasam li fih tkun mehtiega dik il-hila jew sengha specjali. Certu xoghol irid isir f'laboratorji attrezzati biex isiru l-esperimenti u l-analizi li jkun hemm bzonn. Ghalhekk persuna suspettata jew imputata jew akkuzata ma tistax tippretendi li tkun prezenti waqt li qeghdin isiru tali esperimenti jew analizi li normalment jirrikjedu hinijiet twal ta' xoghol u koncentrazzjoni u anke ta' stennija.
>
> "Imbaghad id-dritt ta' persuna imputata jew akkuzata li tkun prezenti ghallproceduri kriminali tfisser precizament hekk, il-prezenza taghha waqt il-proceduri kriminali fejn ikollha dritt tikkontrolla kemm lix-xhieda kif ukoll il-periti. Lartikolu 653(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi li: 'Il-periti, meta jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom, ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport taghhom, skond id-direzzjonijiet tal-Qorti.' Inoltre s-subartikolu (2) jipprovdi li: 'Irrapport ghandu f'kull kaz isemmi l-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbazaw il-fehma taghhom.' Barra minn hekk l-artikolu 655 jghid: 'Kull wahda mill-partijiet, il-qorti, u, fil-kazijiet ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, kull wiehed mill-gurati, jistghu jitolbu mill-periti tifsir ahjar fuq ir-rapport taghhom, kif ukoll fuq dak li jidhrilhom li jista' jaghmel aktar cara l-fehma tal-periti.' B'dan il-mod l-imputat jew l-akkuzat ghandu l-mod kif jista' jikkontrolla x-xoghol li jkun sar mill-periti. Izda l-ligi tmur oltre u tissalvagwardja lill-imputat jew l-akkuzat billi tipprovdi fl-artikolu 656: 'Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.'

72. Anke f'dan il-każ jirriżulta li l-esperti ġew maħtura fl-ambitu tal-inkjesta maġisterjali kondotta. Ix-xiehda tal-esperti u s-*Scene of Crime Officers* juru li ttieħdu l-prekawzjonijiet sabiex jinżamm iċ-*chain of custody* fir-rigward tal-evidenza miġbura u analizzata.

73. **Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra wkoll tiġi miċħuda.**

***Ikkunsidrat***

74.Illi s-seba′ eċċezzjoni titratta talba għall-isfilz tad-dokumenti eżebiti a fol 88 sa 92 tal-atti tal-kompilazzjoni in kwantu ma hemmx ix-xiehda bil-ġurament ta′ min ippreżenta dawn id-dokumenti.

75.Illi din il-Qorti rat li fil-verbal a fol 86 jirriżulta li inter alia kienu xehdu Maria Theresa Camilleri u Dr. Ali Safraz, li huma l-esperti li fil-fatt jirriżulta li rrediġew id-dokumenti a fol 88 sa 92 tal-atti kompilatorji. Għalkemm verament ma hemmx ir-reġistrazzjoni tax-xiedha ta′ dawn iż-żewġt esperti hemm ir-relazzjoni tagħhom immedjatament wara l-verbal tal-udjenza li jikkonferma li dawn xehdu.

76.Fi kwalunkwe każ jiġi rilevat li Profs. Marie Therese Camilleri Podesta u Dr. Ali Safraz kienu wkoll xehdu fl-atti tal-inkjesta maġisterjali a fol 330 et seq fejn kienu wkoll eżebew kopja tar-relazzjoni necroscopika tagħhom hemmhekk.

77.Jifdlilhom issa, bħax-xiehda l-oħra imħarkin, li jixhdu matul il-kors tal-Ġuri.

78.**Din l-eċċezzjoni sejra għalhekk tiġi wkoll miċħuda.**

***Ikkunsidrat***

79.Illi t-tminn eċċezzjoni hija li r-relazzjoni ulterjuri ta′ Dr. Mario Scerri u x-xiehda bil-ġurament tiegħu fejn eżamina lill-akkużat Ismael

Habesh għandha tiġi sfilzata in kwantu huwa qatt ma kellu dik in-nomina.

80. Illi din il-Qorti rat li n-nomina ta' Dr. Mario Scerri kienet saret oriġinarjament a fol 12 tal-atti tal-inkjesta maġisterjali fejn in-nomina tiegħu kienet waħda ġenerika fis-sens li ġie maħtur bħala *espert forensiku*. Huwa fil-fatt espleta l-inkariku tiegħu fil-qasam speċifiku tiegħu ta' espert fil-mediċina forensika.

81. B'mod partikolari jirriżulta wkoll mir-relazzjoni tiegħu a fol 343 tal-Proces Verbal li huwa kien wettaq ir-relazzjoni tiegħu fuq ordni tal-Maġistrat Dottor Abigail Lofaro li skontu kienet awtorizzatu sabiex jeżamina u jagħmel il-konstatazzjonijiet forensiċi rilevanti u jirrelata dwar ġrieħi fuq il-persuna ta' Ismail Habesh. Dr. Scerri jtenni dan meta huwa xehed bil-ġurament a fol 147 fl-atti tal-istruttorja fejn fuq domanda jekk dan l-eżami għamlux fuq ordni ta' maġistrat huwa wieġeb li : *Dak dejjem b'ordni tal-istess Qorti tal-Maġistrat Lofaro u qabel ma ezaminajtu widdibtu...*

82. Illi dak mistqarr minn Dr. Mario Scerri bil-ġurament tiegħu isib korroborazzjoni fil-paġna 7 tal-Ewwel Volum tal-Proces Verbal fejn fid-9 t'April 2005 - ċjoe fl-istess jum li fih sar l-eżami mediko-legali fuq il-persuna ta' Habesh - kien sar rikors mill-Ispettur Louise Calleja fejn din, *inter alia* talbet li kien meħtieġ li jiġu ċċertifikati l-ġrieħi li nstabu fuq il-persuna ta' Ismael Habesh. Fil-fatt fl-istess dokument jirriżulta li *a calce* hemm indikat bil-linka l-isem tal-esperti li kellhom jiġu maħtura mill-Maġistrat in virtu ta' dik it-talba

li kienet saret. Wieħed mill-esperti kien Dr. Mario Scerri li ismu jidher miktub fuq dak id-dokument. Dr. Mario Scerri fil-fatt jirriżulta li imbagħad espleta l-inkarigu li ġie mogħti lilu.

83. **Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda.**

*Ikkunsidrat*

84. Illi l-aħħar eċċezzjoni hija talba għall-isfilz tar-relazzjoni u x-xiehda tat-tabib Dr. Mark Rosso in kwantu l-akkużat jilmenta li dan ma kellux nomina sabiex ikun jista' jeżamina lill-akkużat.

85. Illi hemm qbil bejn il-partijiet li t-Tabib Mark Rosso ma kienx ġie maħtur bħala espert tekniku matul l-inkjesta maġisterjali. Dan it-Tabib xehed dwar dak li huwa kkonstata meta kien invista lil Ismael Habesh nhar id-9 t'April 2005 fit-1530.

86. Din il-Qorti taqbel mat-teżi tad-Difiża li dan it-tabib ma jistax jiġi meqjus li huwa xi perit li jista' jagħti opinjoni teknika. Iżda mill-banda l-oħra ma taqbilx mad-Difiża li x-xiehda tiegħu għandha tiġi skartata sempliċiment għaliex huwa ma kienx ġie maħtur bħala espert tekniku. Semmai, huwa jista' jixhed bħala xhud ordinarju b'riferenza għal dak li huwa ra u kkonstata b'xi wieħed mis-sensi tiegħu iżda ma jkunx jista' jagħti l-opinjoni teknika tiegħu fir-rigward dak konstatat.

87. **Din id-disa' eċċezzjoni kif formulata għalhekk sejra tiġi miċħuda.**

## *Decide*

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li qegħda tiċħad it-tielet, il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tminn u d-disa' eċċezzjonijiet.**

**Fil-kontemp tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet fis-sens li sejra tordna li dawk il-paġni fil-proċess li ma humiex iffirmati mill-Maġistrat Inkwirenti, in kwantu mhux konformi mal-preċett tal-Liġi, jiġu esklużi bħala prova minn dan il-proċess, safejn tali dokumenti setgħu jservu ta' prova. Dan pero bl-ebda mod ma għandu jinftiehem li b'xi mod jeskludi l-produċċibilita u ammissibbilita ta' dawk ix-xiehda - li t-traskrizzjoni tax-xiehda tagħhom jew tad-dokumenti prodotti minnhom setgħu ġew milquta u sflizati minn din is-sentenza - matul il-Ġuri u dan peress li fl-aħħar mill-aħħar il-proċess penali proprju għad irid jiġi ċelebrat quddiem il-Ġurija billi x-xiehda tax-xhieda tinstema'** ***viva voce*****.**

**Inoltre tilqa' in parti r-raba' eċċezzjoni fis-sens li tordna li l-istqarrijiet kollha magħmula mill-akkużat fl-2005 u fl-2009 jiġu sfilzati; filwaqt li kull riferenza li ssir għal dawn l-istqarrijiet minn kwalunkwe xhud għandha tiġi mħasra u ma tiġix murija lill-Ġurati.**

**Iżda l-istqarrija rilaxxjata mill-akkużat fid-19 ta' Frar 2013 għandha tiġi ritenuta bħala prova ammissibbli u produċibbli bi prova fil-Ġuri;**

**daqskemm għandhom jiġu ritenuti ammissibbli u produċibbli bi prova <u>riferenzi li issa setgħu saru fiha mill-akkużat fit-tweġibiet tiegħu għal dikjarazzjonijiet li huwa għamel preċedentement u kull riferenza li saret minn xi xhud ieħor dwar dawk il-fatti li l-akkużat semma fl-istqarrija tiegħu anke b'riferenza għal fatti msemmija minnu preċedentement iżda li ġew imsemmija fl-istqarrija tad-19 ta' Frar 2013</u>. Biss kull riferenza li ssir f'din l-istqarrija dwar meta l-akkużat iltaqa' mal-ko-akkużat fil-Ħabs ta' Kordin jew kull riferenza li ssir għall-dik il-Faċilita jew għall-kondotta kriminali preċedenti tal-akkużat fiha għandha tiġi wkoll imħasra.**

**Tordna lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali sabiex iwettaq din l-ordni sa qabel ma jibda' s-smiegħ tal-kawża quddiem il-Ġurati.**

**Il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.**

**Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.**

*Aaron M. Bugeja,*
*Imħallef*